DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR190312** **18.02.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza Nazzjonali dwar id-Dimenzja 2019***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia mexxa l-Konferenza Nazzjonali dwar id-Dimenzja fil-Parlament ta' Malta fejn politiċi, uffiċjali għolja ta' awtoritajiet pubbliċi, esperti u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ddiskutew diversi oqsma li jolqtu din il-kundizzjoni fiżika, medika u umana.

Statistika għas-sena 2015 turi li 'l fuq minn 6,000 persuna, madwar 1.5 fil-mija tal-popolazzjoni fil-gżejjer Maltin, kienu milquta mid-dimenzja. Hemm min qiegħed ibassar li sas-sena 2030, in-numru ta' dawk milquta mid-dimenzja ser jiżdied minn 6,000 persuna fl-2015 għal 9,000 ruħ jew 2 fil-mija tal-populazzjoni fil-gżejjer Maltin.

Il-probabbiltà li persuna tintlaqat mid-dimenzja tiżdied meta hi tikber fl-età. Id-dimenzja hi relatata man-nuqqas ta' funzjonijiet mentali li jwassal għal telf tal-kapaċitajiet tal-individwu fil-memorja. Dan jista' jwassal għal tibdil fl-imġiba tal-individwu. Dan mhux għax wieħed irid, imma minħabba li hu jkun tilef parti jew naqsitlu l-kapaċità tal-funzjoni mentali, kawża tad-deterjorament serju tat-tessut tal-moħħ uman. Għalkemm id-dimenzja hija marbuta max-xjuħija, dan il-proċess jibda minn żmien ferm qabel. Illum għandna wkoll każijiet fejn l-età tal-pazjenti huma pjuttost żgħar.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker tkellem fuq l-isfdi kbar lid-dimenzja ġġib fuq l-individwi milquta, il-familji, is-soċjetà u l-qasam tas-saħħa pubblika. Hu saħaq fuq l-importanza li pajjiżna jkun imħejji tajjeb sabiex jilqa' għal dawn l-isfidi u kif dejjem għamel, ikompli jieħu ħsieb b'dinjità lill-persuni morda billi jipprovdi l-aħjar kura possibbli u jkompli jgħin lill-familjari tal-morda b'appoġġ kontinwu u effettiv.

Din il-Konferenza Nazzjonali ġabret lil kulħadd flimkien sabiex ikunu diskussi diversi aspetti, l-isfidi u l-effetti lid-dimenzja tħalli fuq il-pazjenti, il-familjarji u s-soċjetà ġenerali. Ir-rakmandazzjonijiet u l-proposti ta' din il-Konferenza Nazzjonali għandhom ikunu ta' siwi biex l-awtoritajiet Maltin jippjanaw aħjar l-azzjoni u l-ħidma tagħhom kemm fil-kura tal-morda bid-dimenzja, u sabiex itejbu aktar is-servizzi ta' għajnuna lill-pazjenti u lill-familjarji tagħhom.

Din il-Konferenza Nazzjonali kienet indirizzata mill-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali Michael Falzon, mis-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agiuis Decelis, u mill-Membri Parlamentari Ivan Bartolo, Robert Cutajar, Rosianne Cutajar, Maria Deguara, Silvio Grixti u Stephen Spiteri.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**